jixtequh lil Dovik, u ġrew warajh bil-bosta; imma dan baqa' bħal ma ngħidu aħna bil-Malti "għarus is-sena kollha u ż-żwieġ ma jasal qatt". U hekk saflaħħar għaddew is-snin u Dovik reġa' ħass li jrid jiġi Malta. Ġabar kull ma kien faddal u ħalla warajh għal dejjem 'il dik l-art tat-toru u tas-senoritas.

Issa Dovik reġa' Malta u ħa posta s-Suq għal rasu. Ferħu biħ sħabu tas-Suq u laqgħuh tajjeb. U dak in-nhar li reġa' rifes it-tirġien tas-Suq bdew iħabbtu bis-skicken u bl-irtal fuq l-imwieżen u fuq il-bankijiet, u ċċemplu l-qanpiena tal-bieb. U dawk li kienu ta' mparu stednuh jiekol magħhom għand dik li ssajjar wara s-Suq u lestitilhom imqarrun u fenek u torta, u xorbu l-inbid ta' Spanja u daqqew fuq il-kitarri, ċaqċqu l-kastanjoli u ġiebu 'l Rużar l-Għama jqabblilhom......

Dan kien Dovik tas-Suq. Il-lum it-tifkira biss għad fadal tiegħu. Imma meta miet sħabu qassmu s-santi bir-ritratt tiegħu u f'kull posta għandek issib waħda. Jekk tistaqsi fuqu jgħidulek "Ilu li miet, miskin, Dovik! Kemm ġera fi żmienu! U kemm kien jaf x'igħid fuq Spanja! Ma kellniex tifel aħjar minnu s-Suq!"

Hekk hu! Dovik ħalliena, bħal ma kull wieħed minna jrid iwelli f'din id-dinja. U bħal nies oħra li jitwieldu u jgħixu f'ambjent żgħir, ħalla warajh l-isem tiegħu li għamel biss ħoss żgħir bejn il-ħitan tas-Suq.

---

## FUQ IL-KALVARJU

*Ta'* Patri V. V. Barbara, O.P.

*Niżel Bin Alla mis-smewwiet u wriena*
*It-triq tas-sewwa, xettel ġewwa fina*
*Is-siġra tal-qdusija, u lkoll imlħena*
*B'xita ta' Dawl minn Għajn safja u ħanina.*
*Għadda jagħmel il-ġid, qatt ma ħalliena*
*Fil-hemm u n-niket tagħna, u biex jagħtina*
*Is-saltna tal-Missier, f'milja ta' ħniena,*
*Fuq l-għolja mqaddsa b'Demmu ried jifdina.*
*Mogħti għall-mewt, meħlus mill-ħaqq Barabba,*
*Fetaħ dirgħajh fuq l-għuda biex jilqagħna*
*Fil-kenn ta' Qalbu, u miet, debħa ta' mħabba.*
*Għax biss l-imħabba kienet li niżżlitu*
*Minn ħdan Missieru fl-art midinba tagħna,*
*U d-dinja msejkna m'għarfitux... qatlitu!*